MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2008

Numru. 248/2008

Il-Pulizija
(Sp Paul Bond)
vs
Samwel Borg, iben Ronald, imwieled Pieta' fl-10 ta' Settembru, 1986

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fil-Mellieħa u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, bejn l-24 ta' Marzu, 2008 u is-26 ta' Marzu, 2008 b'diversi azzjonijiet magħmulin minnu, fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'risoluzzjoni waħda, ikkometta serq ta' €800, kif ukoll cash link tal-Bank of Valletta, liema serq hu aggravat bil-valur, bil-persuna u bil-lok għad-dannu ta' Amanda Curmi mill-Mellieħa;

2. talli sar reċidiv billi kien diġja nstab ħati ta’ diversi delitti b’diversi sentenżi mogħtija minn din il-Qorti, liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mħassra.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Ottubru, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 261(ċ)(d)(e), 267, 268, 269, 279 u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-ammissjoni bikrija tiegħu. Tikkundannah għal piena ta’ sitt (6) xhur priġunerija. Rat li l-imputat qed isegwi kors residenzjali għar-riabilitazzjoni tiegħu kontra l-vizzju tad-droga u tirrakomanda li l-imputat ikompli jsegwi dan il-kors.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------